# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum, 23 ta' Awissu 2001**

**Citaz.  numru:  997/99 M2 NA**

**Ronald Mangion proprio et nomine**

**vs**

**Nadine Mangion**

**Il-Qorti,**

F'dan il-kaz u partikolarment f'dan il-process hemm diversi digrieti li jirrikjedu l-intervent tal-Qorti.  Kollha pero' sew dawk proposti mill-attur sew dawk mill-konvenuta jittrattaw l-istess meritu u cioe' l-kura u kustodja w access relattiv taz-zewgt itfal minuri li twieldu minn dan iz-zwieg infelici, infelici proprju ghax apparti mill-firda personali bejn il-konjugi huma rnexxielhom kagun tal-pika u glied bejniethom biex igibu l-firda wkoll bejn l-istess uliedhom.

Kuntrarjament ghall-prattika normali taghha din il-Qorti mhijiex sejra tippuntwalizza precizament x'sar fid-diversi seduti u dak li inghad fix-xhieda li giet prodotta (dik tal-konvenuta permezz ta' affidavit). Il-fatti ma jistghux ikunu kkontestati. F'dan l-istadju t-tifla li jekk ma saritx maggorenni waslet biex qed tghix maz-zijiet t'ommha. Filwaqt illi hija ghandha kuntatt regolari ma' missierha u mal-familjari tieghu llum la ghandha kuntatt ma' ommha u anqas ma' huha. Huha mill-parti l-ohra jghix ma' ommha u jiddikjara illi assolutament ma jridx jara lil missieru.

Il-Qorti verament f'dan il-kaz ghamlet minn kollox biex tizblokka din in-negattivita' taz-zewgt itfal. Kellmithom fit-tul fis-sigrieta darbtejn sew individwalment sew flimkien. Fejn dehrilha illi kienet sabet *modus vivendi* almenu biex it-tfal ikollhom kuntatt ma' xulxin u mal-ġenituri rispettivi taghhom giet infurmata li l-arrangament li kienet waslet ghalih anke bil-ftehim tat-tfal ma kienx qed jahdem u kien falla.

Biex forsi tinstab soluzzjoni giet nominata Social Worker fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2000. Ir-rapport taghha gie mahluf fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2000. Nonostante dan ir-rapport u l-eskussjoni estensiva li saret ta' l-istess espert fis-seduti tal-4

ta' April u 6 ta' Gunju 2001 ma jistax jinghad illi anke b'din l-assistenza nstabet xi soluzzjoni li tista' tkun ghal gid tal-minuri li, l-Qorti ma ghandhiex dubbju, finalment tikkonsisti biss billi jkollhom relazzjoni mal-genituri rispettivi taghhom u ma' xulxin u dan nonostante t-tilwim ta' l-istess genituri taghhom.

L-espert kienet ta' l-opinjoni, bhall-Qorti, illi:  "*Fil-konfronti taghhom maz-zewg uliedhom, Desirèe u Ninian, dawn qeghdin jintuzaw minnhom bhala arma ghall-finijiet pjuttost egoistici taghhom.*" u esprimiet ukoll il-hsieb tal-Qorti, hsieb espress mhux biss b'dan id-digriet izda wkoll fl-Awla u fil-kuntatti mat-tfal illi:  "*Ghal dan il-ghan it-tfal jirrikjedu kuntatt regolari bejniethom u mal-genituri taghhom.*"

Rinfaccjata b'din is-sitwazzjoni l-Qorti ftit li xejn tista' tipprovdi stante l-eta' taz-zewgt itfal.  Desirèe llum ghandha 17-il sena.  Ghal ftit xhur li fadlilha sa meta ssir maggorenni l-Qorti ma tistax tahseb f'soluzzjoni ohra hlief li tafda l-kura u kustodja taghha f'idejn il-missier b'dan pero' li jibqa' obbligat (anke jekk hemm bzonn tramite d-difensuri rispettivi) li jikkonsulta lill-martu f'dawk il-problemi tal-minuri bhas-sahha, edukazzjoni u safar li jirrigwardaw lill-istess tifla minuri w infatti f'dak kollu li jmur oltre l-kura normali ta' kuljum li fattwalment qieghdha

f'idejn iz-zijiet materni. Din il-konsultazzjoni tmur oltre s-semplici nformazzjoni w ebda decizjoni mehuda fir-rigward tal-materji fuq imsemmija ma tista' tittiehed minghajr l-intervent u l-kunsens ta' l-omm. Il-Qorti tiehu din l-opportunita' biex ghal darb'ohra tfakkar lit-tifla li ommha u huha huma parti integrali mill-familja taghha w in-nuqqas totali ta' kuntatt maghhom ma jistax fil-futur ma jikkawzalhiex ghali u soghba kbira. L-istess soghba u ghali tkun tmiss lil missier u liz-zijiet materni jekk huma flok juzaw l-influwenza taghhom biex jinkoragixxu dan ir-rapport, in vista tal-pika taghhom mal-konvenuta, jaghmlu l-kuntrarju.

Fir-rigward tal-minuri Ninian dan illum ukoll ghandu 14-il sena w il-Qorti ma tarax illi hija soluzzjoni li ggiaghlu jara lil missieru bil-forza tal-Marixxalli jew tal-Pulizija Ezekuttiva. Il-kura u kustodja ta' dan il-minuri hija fdata f'idejn ommu l-konvenuta taht l-istess kondizzjonijiet fuq imsemmija fir-rigward tat-tifla, pero', ovvjament, bl-invers, fejn l-intervent u l-kunsens tal-missier ikun rikjest ghal materji fuq imsemmija. L-espert socjali kienet tal-fehma illi dan it-tifel kellu jsegwi programm biex bil-mod il-mod l-access favur il-missier jigi re-integrat: "*Jista' jkun ukoll li jekk l-ghazla tkun fdata f'idejh, huwa jaghzel l-ehfef triq u ma jsegwix dan il-programm.*" Il-Qorti

taqbel ma' dan is-suggeriment. Infatti thoss illi l-Family Therapy Unit fi hdan l-Appogg ghandha taghti certu priorita' lil din il-familja kollha biex tigi ridotta t-tensjoni bejn it-tfal u l-genituri rispettivi w it-tfal bejniethom.

F'dan l-istadju din il-Qorti dehrilha illi ma setghetx tmur oltre dak li pprovdiet u f'dan is-sens l-effetti ta' kwalunkwe digriet precedenti iehor fil-materja huma, ukoll f'dan l-istadju, sospizi.

L-ispejjez huma rizervati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.